



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0311/2016**

20.10.2016

**\*\*\*|**

# **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli spċifici ta' importazzjoni tal-Unjoni oħrajn (COM(2016)0044 – C8-0022/2016 – 2016/0029(COD))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Hannu Takkula

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

## **WERREJ**

## **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	13
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	14



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi ta' importazzjoni tal-Unjoni oħra, jew minn regoli speċifiċi ta' importazzjoni tal-Unjoni oħra, (COM(2016)0044 – C8-0022/2016 – 2016/0029(COD))**

### **(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0044),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0022/2016),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0311/2016),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Ir-rilaxx tal-priġunieri politiċi fit-22 ta' Awwissu 2015 kien pass importanti, li flimkien ma' diversi inizjattivi pożittivi meħuda mir-Repubblika tal-Belarussja matul l-aħħar sentejn, ikkontribwixxa għat-

*Emenda*

(2) Ir-rilaxx tal-priġunieri politiċi fit-22 ta' Awwissu 2015 kien pass importanti, li flimkien ma' diversi inizjattivi pożittivi meħuda mir-Repubblika tal-Belarussja matul l-aħħar sentejn, **bħat-tkomplija tad-**

titjib tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Belarussja.

*Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-Belarussja, ikkontribwixxa għat-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Belarussja.*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Belarussja għandha tkun ibbażata fuq valuri komuni, speċjalment fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt u ta' min jiftakar li sis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Belarussja tibqa' ta' tħassib għall-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet partikolari bħall-pienā tal-mewt li għandha tiġi abolita.*

## Emenda 3

### Proposta għal regolament Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(3) Dawn l-iżviluppi politiċi pożittivi bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja għandhom jiġu rikonoxxuti u r-relazzjonijiet bilaterali għandhom jitjiebu aktar. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jirrevoka l-kwoti awtonomi fuq l-importazzjonijiet tat-tessuti u tal-ħwejjeġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja, stipulati fl-Annessi II u III ***tar-Regolament*** (UE) Nru 2015/936.

(3) Dawn l-iżviluppi politiċi pożittivi bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja għandhom jiġu rikonoxxuti u r-relazzjonijiet bilaterali għandhom jitjiebu aktar. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jirrevoka l-kwoti awtonomi fuq l-importazzjonijiet tat-tessuti u tal-ħwejjeġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja, stipulati fl-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 2015/936 *mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-Unjoni li tirrikorri għall-kwoti fil-ġejjieni jekk tiddeterjora serjament is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Belarussja.*

## **Emenda 4**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-użu limitat tal-kwoti awtonomi fuq l-importazzjonijiet tat-tessuti u tal-ħwejjeġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja jimplika li t-tneħħija ta' dawn il-kwoti sejkollha impatt limitat fuq il-kummerċ fl-UE.

*Emenda*

(4) *It-tneħħija tal-kwoti awtonomi fuq l-importazzjonijiet tat-tessuti u tal-ħwejjeġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja jimplika li l-kwoti fuq it-traffiku ta' proċessar passiv ma-għadhomx meħtieġa. B'rizzultat ta' dan, il-Premessa 5, l-Artikolu 4(2), il-Kapitolu V dwar it-Traffiku ta' Proċessar Passiv li fih l-Artikoli 25, 26, 27, 28 u 29, u l-Anness V għandhom jitħassru, fatt li jaġi kollha wkoll l-Artikolu 31. L-użu limitat tal-kwoti awtonomi u ta' proċessar passiv fuq l-importazzjonijiet tat-tessuti u tal-ħwejjeġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja jimplika li t-tneħħija ta' dawn il-kwoti sejkollha impatt limitat fuq il-kummerċ fl-Unjoni.*

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) L-isem uffiċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea għandu jintuża fl-Annessi II, III u IV **tar-Regolament (UE) Nru 2015/936 u l-isem uffiċjali tar-Repubblika tal-Belarussja għandu jintuża fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 2015/936.**

*Emenda*

(6) L-isem uffiċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea għandu jintuża fl-Annessi II, III u IV tar-Regolament (UE) Nru 2015/936.

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt - 1 (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**-1. Il-premessa 5 ġiet imħassra.**

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt - 1a (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**-1a. Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 ġie mħassar;**

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1a (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-Artikolu 25 ġie mħassar.**

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1b (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 26

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1b. L-Artikolu 26 ġie mħassar.**

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1c (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 27

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1c. L-Artikolu 27 ġie mħassar.*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1d (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 28

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1d. L-Artikolu 28 ġie mħassar.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1e (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 29

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1e. L-Artikolu 29 ġie mħassar.*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 1f (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 31 – paragrafu 2

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*If. Fl-Artikolu 31, il-paragrafu 2 ġie sostitw b'dan li ġej:*

‘2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(3), l-

‘2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(3), l-

Artikolu 5(2), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 13, ***l-Artikolu 26, l-Artikolu 27(1) u (3)*** u l-Artikolu 35 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin ***minn 20 ta' Frar 2014***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xħur qabel it-tmiem ***tal-perijodu ta' 5 snin***. Id-delega tas-setgħa għandha tīġi estiżza b'mod taċitu għal ***perijodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull *perijodu*.***

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 1g (ġidid)

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 31 – paragrafu 3

*Test fis-seħħħ*

'3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 13, ***l-Artikolu 26, l-Artikolu 27(1) u (3)*** u l-Artikolu 35 tista' tīġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fi. Din ma taffettwax il-validità ta' kwalunkwe att delegat digħi fis-seħħħ."

Artikolu 5(2), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 13 u l-Artikolu 35 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin ***mill-20 ta' Frar 2014***. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xħur qabel it-tmiem ***tal-perijodu ta' 5 snin***. Id-delega tas-setgħa għandha tīġi estiżza b'mod taċitu għal ***perijodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.***

*Emenda*

#### *Ig. Fl-Artikolu 31, il-paragrafu 3 ġie sostitwi b'dan li ġej:*

"3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 13 u l-Artikolu 35 tista' tīġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fi. Din ma taffettwax il-validità ta' kwalunkwe att delegat digħi fis-seħħħ."

## Emenda 15

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 1h (ġidid)

Regolament (UE) Nru 2015/936

Artikolu 31 – paragrafu 6

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*Ih. Fl-Artikolu 31, il-paragrafu 6 ġie sostitwit b'dan li ġej:*

‘6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 12(3), ***l-Artikolu 26 u l-Artikolu 27(I) u (3)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tīgix espressoa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***perjodu*** ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak ***il-perjodu*** għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

‘6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 12(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tīgix espressoa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***perjodu*** ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – punt 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. It-TaqSIMA A tal-Anness I ***għar-Regolament (UE) Nru 2015/936 huwa emendat*** skont l-Anness għal dan ir-Regolament u l-Annessi II, III, IV u V tar-Regolament (UE) Nru 2015/936 huma sostitwiti permezz ***tat-testi stabbiliti*** fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Emenda*

2. It-TaqSIMA A tal-Anness I ***hija emendata*** skont l-Anness għal dan ir-Regolament u l-Annessi II, III u IV huma sostitwiti permezz ***tat-testi stabbiliti*** fl-Anness għal dan ir-Regolament.

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 1 – punt 2a (ġidid)**

Regolament (UE) Nru 2015/936

Anness V

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. L-Anness V ġie mħassar.*

## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/936 jistabbilixxi r-regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli spċċifici ta' importazzjoni tal-Unjoni oħra. Attwalment ikopri żewġ pajjiżi li mhumiex membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ - ir-Repubblika tal-Belarussja u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea.

Ir-rilaxx tal-priġunieri politiċi fit-22 ta' Awwissu 2015 kien pass importanti, li flimkien ma' diversi inizjattivi pożittivi meħuda mir-Repubblika tal-Belarussja matul l-aħħar sentejn, ikkontribwixxa għat-titjib tar-relazzjonijiet UE-Belarussja.

Billi tirrikonoxxi l-iżviluppi politiċi pożittivi fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja, u biex ittejjeb aktar ir-relazzjonijiet bilaterali, il-Kummissjoni pproponiet li tneħħi l-kwoti awtonomi fuq l-importazzjoni tat-tessuti u tal-ħwejjeġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja, filwaqt li tikkunsidra wkoll l-użu limitat tagħhom. Din l-abolizzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-titjib addizzjonali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Belarussja.

Minħabba l-użu limitat ħafna tal-kwoti kif ukoll l-impatt marġinali għall-aħħar fuq il-produtturi tat-tessuti tal-UE, ir-rapporteur jaqbel mal-abolizzjoni tal-kwoti. Ir-rapporteur jemmen li sejkun hemm sinjal motivazzjonali pożittiv għar-Repubblika tal-Belarussja u għan-negozji Belarussi, anke ftermini ta' faċilitazzjoni ta' djalgu bejn in-negozji u sabiex tiżdied il-fiduċja tal-investituri.

Ir-relazzjonijiet kummerċjali intensifikati bejn l-UE u l-Belarussja jistgħu jkunu mezz ta' modernizzazzjoni tal-ekonomija Belarussa u ta' promozzjoni tal-valuri ewlenin tal-UE, u b'hekk iġibu tibdil fis-soċjetà li kien ilu ħafna biex iseħħi fil-Belarussja.

Il-konsegwenza loġika tal-abolizzjoni ta' kwoti awtonomi fuq l-importazzjoni tat-tessuti u tal-ħwejjeġ li joriġinaw fil-Belarussja għandha tkun it-tħassir tad-dispożizzjoni kollha relatati mal-kwoti fuq it-traffiku ta' proċessar passiv mir-Regolament (UE) Nru 2015/936. Dawn il-kwoti jaapplikaw għal prodotti tat-tessuti tal-UE trasformati fil-Belarussja u li reġgħu ġew esportati lejn l-Unjoni Ewropea. Il-kwoti fuq it-traffiku ta' proċessar passiv ma jaapplikawx għar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u għaldaqstant ma għadhomx meħtieġa. Fil-proposta tagħha l-Kummissjoni naqset milli tindirizza din is-sensja. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi diversi emendi li jirrettifikaw din l-omissjoni u li jwettqu l-adattamenti tekniċi meħtieġa tar-Regolament (UE) Nru 2015/936 bażiku.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' paxjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi ta' importazzjoni tal-Unjoni oħrajn
<b>Referenzi</b>	COM(2016)0044 – C8-0022/2016 – 2016/0029(COD)
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	3.2.2016
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 25.2.2016
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Hannu Takkula 14.3.2016
<b>Eżami fil-kumitat</b>	13.7.2016                    31.8.2016
<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.10.2016
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 31 1 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laima Liucija Andrikienė, Maria Arena, Tiziana Beghin, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Santiago Fisas Ayxelà, Christofer Fjellner, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, David Martin, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Franz Obermayr, Artis Pabriks, Franck Proust, Viviane Reding, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Matteo Salvini, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty, Adam Szejnfeld, Hannu Takkula, Iuliu Winkler
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dita Charanzová, Edouard Ferrand, Agnes Jongerius, Sander Loones, Fernando Ruas, Lola Sánchez Caldentey
<b>Data tat-tressiq</b>	20.10.2016